MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 384/2008

Saviour sive Aldo Portelli
vs
Henry Xuereb bhala rapprezentant tal-kumpanija HIX Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Saviour sive Aldo Portelli li bih espona:

1. Illi r-rikorrent huwa s-sid tal-fond Numru 12A, "Seaview", formanti parti mill-blokk Qui-si-Sana Court, fix-xatt ta' Qui-si-Sana, Sliema.

2. Illi l-intimat qed jokkupa l-proprjeta` sopra indikata minghajr ma ghandu ebda titolu validu fil-ligi.

3. Illi l-intimat ghalkemm mitlub, anki permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' April 2008, kopja ta' liema giet

annessa mar-rikors u mmarkata Dok “A”, sabiex jirrilaxxja l-pussess ta’ l-istess proprjeta` baqa’ inadempjenti.

4. Illi l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili huma sodisfatti u r-rikorrenti annetta mar-rikors affidavit immarkat bhala Dok “B” a tenur ta’ l-istess Artikoli tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili.

5. Illi r-rikorrent ikkonferma u ddikjara li sa fejn jaf hu, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni li jista’ jaghti kontra t-talbiet li qed isiru permezz ta’ dan ir-rikors guramentat.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tordna lill-intimat biex jidher il-Qorti fil-jum u fil-hin li tordna din l-istess Qorti.

2. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta’ l-istanti, b’dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat qieghed jokkupa l-fond Numru 12A, “Seaview”, Qui-si-Sana Court, fix-xatt ta’ Qui-si-Sana, Sliema, proprjeta` tar-rikorrent, minghajr ma ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi u konsegwentement;

4. Tordna lill-istess intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li lilhom jigi prefiss minn din il-Qorti, huma jizgumbraw mill-fond fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ April 2008, tal-15 ta’ Frar 2008 u ta’ l-1 ta’ Frar 2008.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Saviour sive Aldo Portelli fejn issemma li hu s-sid tal-fond fl-ewwel sular numru 12A, "Seaview", formanti parti mill-blokk Qui-si-Sana Court, fix-xatt ta' Qui-si-Sana, Sliema u li permezz ta' skrittura privata tat-28 ta' Awissu 2007, hu ta l-imsemmi fond b'titolu ta' kera lis-sur Henry Xuereb bhala rapprezentant u garanti, flimkien ma' martu, tas-socjeta` intimata HIX Limited u dan versu l-kera pagabbli kull xahar bil-quddiem ta' €1,514, liema kera kienet ridotta b'€955 fix-xahar ghall-ewwel sentejn ta' din il-kera. Illi s-socjeta` intimata hija moruza f'diversi skadenzi tal-kera relativa ghall-imsemmi fond u ilha ma thallas il-kera dovuta min-Novembru ta' l-2007, cioe` ghal sitt xhur. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet, anki permezz ta' ittri ufficjali, sabiex is-socjeta intimata thallas il-kera dovuta, hija baqghet inadempjenti. Illi hu ttermina l-kera permezz ta' ittra ufficjali tat-2 ta' April 2008 u dan a tenur ta' l-iskittura tat-28 ta' Awissu 2007 li tipprovdi li l-kirja tkun terminata ***ipso jure*** u li hu bhala sid kellu d-dritt jerga' jiehu lura l-pussess tal-fond in kwistjoni jekk is-socjeta` intimata ma tikkonformax mal-obbligi taghha u dan dejjem minghajr pregudizzju ghal hlas tal-kera li tkun ghadha dovuta. Illi minkejja li l-kirja giet terminata u nonostante diversi talbiet sabiex l-istess socjeta` intimata tivvaka l-istess fond, hija baqghet inadempjenti. Illi fil-fehma tieghu s-socjeta` intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talba tieghu biex tigi zgumbrata mill-fond indikat stante li qed tokkupa l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Rat in-nota ta' l-intimat Henry Xuereb bhala rapprezentant tal-kumpanija HIX Ltd. li permezz taghha ammetta t-talbiet rikorrenti migjuba kontrih f'din il-kawza.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw gustifikati, u filwaqt li qed tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ghas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat qieghed jokkupa l-fond Numru 12A, "Seaview", Qui-si-Sana Court, fix-xatt ta' Qui-si-Sana, Sliema,

proprjeta` tar-rikorrent, minghajr ma ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi.

Tordna lill-istess intimat nomine sabiex fi zmien xahrejn hu jizgombra mill-fond fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------